MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Numru. 1291/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR RODERICK AGIUS**
**VS**
**RODERICK MONTESIN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Roderick Montesin ta’ 24 sena, bin Emanuel u Gaetana nee’ Magri, mwieled Pieta’ fil- 5 ta’ Frar 1988, residenti Binja Hesri, Ent E, Flt 5 Triq Dun Anton Vella, Siggiewi u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 79588M;

Talli;

1) Nhar il- 5 ta’ Dicembru 2012 ghall- habta tat-20.30hrs gewwa Binja Hesri, Ent R, Flt 5, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi, gewwa dawn il- Gzejjer volontarjament

hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal akta minn €250 ghad- detriment ta' Analise Montesin u/jew persuni ohra;

2) Ukoll talli fl- istess hin, lok u cirkostanzi bl- imgiba tieghu ikkaguna lil ohtu Analise Montesin detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 330994M, biza li se tintuza' vjolenza kontriha meta kien jaf jew missu kien jaf li l- imgiba tieghu se tikkaguna lil ohtu Analise Montesin biza' li ser tintuza' vjolenza kontriha f' xi okkazjoni;

3) Ukoll talli ikkommetta reat waqt il- perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr A. Demicoli li b' sentenza taghha ta' nhar it- 28 ta' Settembru 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel imputazzjoni fi stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi l-parti leza, Analise Montesin, li tigi oht l-istess imputat, ghazlet li tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali kontra huha, ghal dak kollu li hu rinunzjabbli, u ghalhekk it-tieni imputazzjoni tista' tigi ddikjarata ezawrita;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 325, 251B, 28B(2)(a) u 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati tal-ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tiddikjara t- tieni (2) akkuza procediment ezawrit.
Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sentenza datata 28 ta' Settembru, 2012, liema perijodu operattiv ghalhekk ghandu jibqa' fis-sehh;

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------